**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.**

**Illum il-Hamis 28 ta' April, 2016.**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**

**Vs**

**Saediya Edris**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra **Saediya Edris**, ta' 26 sena, bint Edris u Muntaha xebba Negashi, imwielda gewwa l-Etjopja nhar l-1 ta' Jannar, 1990, residenti Via Dandolo N. 10, Roma, Italja u detentrici tal-Karta tal-Identita Taljana bin-numru AV3158468 u Permess Residenzjali Taljan bin-numru 106017718 validu sal-15 ta' Settembru 2019;

Fuq talba tad-Direttur Generali tad-Dwana inti akkuzata:

1. talli fis-27 ta' April, 2016 mal-wasla tieghek f' Malta minn Ruma mat-Titjira Az886, gewwa l-mitjar Internazzjonali ta' Malta, xjentement, inqast li tiddikjara lill-ufficjali tad-Dwana, billi ghaddjet mill-*Blue Exit* **b' 64 pakkett b' total ta' 16 –il Kg – NAKHLA WATER PIPE TOBACCO**.

Dan it-tabakk, li l-importazzjoni tieghu huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat, ghandu Valur ta' €320.00, Dazju tas-Sisa dovut ta' €551.84, kif wkoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal €156.93, fejn liema Dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta' l-Artikli 60 (a) (b) ( c) (k), 62 (a) (b) ( c) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, l-Artikli 16 (1) (j) u 17 (1) (a) (d) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382, tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan it-tabakk inqabad bin-Nota ta' Qbid 100/2016.

Minhabba l-fatt, lid an it-tabakk in kwestjoni huwa suggett wkoll ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT), ghaldaqstant, nixtieq nigbidlek l-attenzjoni dwar proceduri ohra separati li jistghu jittiehdu mid-Dipartiment koncernat fil-konfront ta' **Saediya Edris** *ai termini* tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll fuq talba tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, akkuzati talli:

2. Fis-27 ta' April, 2016, mal-wasla tieghek f' Malta minn Ruma mat-Titjira AZ886, gewwa l-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, xjentement, inqast li tiddikjara lill-ufficjali tad-Dwana, billi ghaddejt mill-*Blue Exit* **b' 64 pakkett b' total ta' 16 –il Kg – NAKHLA WATER PIPE TOBACCO**.

Dan it-tabakk, li l-importazzjoni tieghu huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat, ghandu Valur ta' €320.00, Dazju tas-Sisa dovut ta' €551.84, kif wkoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal €156.93, fejn liema Dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Rat il-Ligi senjatament l-Artikli 60 (a) (b) ( c) (k), 62 (a) (b) ( c) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, l-Artikli 16 (1) (j) u 17 (1) (a) (d) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap 382, l-Artikolu 80 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kif wkoll l-Kap 406, tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi qieghdha ssib lill-akkuzata hatja ta' l-akkuzi kollha kif migjuba u qieghdha tikkundanna lill-istess akkuzata piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn u qieghdha wkoll timmulta lill-akkuzata s-somma komplessiva ta' €1655 (elf sitt mija u hamsa u hamsin Euro), li minnhom is-somma 551.67 huwa dejn civili dovut direttament lid-Dipartiment tad-Dwana, filwaqt illi l-kumplament hija multa pagabbli lill-Qrati. Il-Qorti tobbligaha sabiex thallas tali ammont fi zmien sitt xhur millum.

F’ dan l-istadju l-Qorti fuq talba ta’ l-akkuzata qieghdha tirritorna lura lill-istess akkuzata titolo di viaggio per stranieri, il-permesso di protezzione sussidiaria u l-karta ta’ l-identita, ilkoll mahruga mir-Repubblika Italiana li kienu gew ezebiti mill-prosekuzzjoni.

**Tordna wkoll l-konfiska u d-distruzzjoni** tas-64 pakkett b’ total ta’ 16 –il Kg – NAKHLA WATER PIPE TOBACCO.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Dep. Reg.**